

Brussell, 18 ta' Ġunju 2026
(OR. en)

10844/26

**Fajl Interistituzzjonali:
2026/0166 (NLE)**

**ECOFIN 851
UEM 279
FIN 918
ECB
EIB**

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	18 ta' Ġunju 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2026) 305 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tat-28 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għas-Slovenja

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2026) 305 final.

Mehmuż: COM(2026) 305 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 18.6.2026
COM(2026) 305 final

2026/0166 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tat-28 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għas-Slovenja

{SWD(2026) 163 final}

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tat-28 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għas-Slovenja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 20(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Wara l-preżentazzjoni tal-pjan nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza ("RRP", recovery and resilience plan) mis-Slovenja fit-30 ta' April 2021, il-Kummissjoni pproponiet il-valutazzjoni pożittiva tiegħu lill-Kunsill. Fit-28 ta' Lulju 2021, il-Kunsill approva l-valutazzjoni pożittiva permezz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni² ("id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Lulju 2021"). Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Lulju 2021 ġiet emendata bid-Deċiżjonijiet ta' Implimentazzjoni tas-17 ta' Ottubru 2023³, tal-10 ta' Diċembru 2024⁴, tal-20 ta' Ġunju 2025⁵, tat-12 ta' Diċembru 2025⁶ u tas-27 ta' April 2026⁷.
- (2) Fis-26 ta' Mejju 2026, is-Slovenja għamlet talba motivata lill-Kummissjoni biex tagħmel proposta biex tiġi emendata d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Lulju 2021 f'konformità mal-Artikolu 21(1) tar-Regolament (UE) 2021/241 għar-raġuni li l-RRP parzjalment ma għadux jista' jinkiseb minħabba ċirkostanzi oġġettivi. Abbażi ta' dan, is-Slovenja ppreżentat RRP emendat.

Emendi bbażati fuq l-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2021/241

- (3) L-emendi tal-RRP ippreżentati mis-Slovenja minħabba ċirkostanzi oġġettivi jikkonċernaw 26 miżura.

¹ ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17, ELI: <https://eur-lex.europa.eu/eli/reg/2021/241/oj>.

² Ara d-dokumenti ST 10612/21 INIT u ST 10612/21 ADD 1.

³ Ara d-dokumenti ST 13615/23 INIT, ST 13615/23 REV 1 (en) u ST 13615/23 ADD 1 REV 1.

⁴ Ara d-dokumenti ST 15989/24 INIT, ST 15989/24 ADD 1 u ST 15989/24 COR 1 (ga).

⁵ Ara d-dokumenti ST 9591/25 INIT u ST 9591/25 ADD 1.

⁶ Ara d-dokumenti ST 15797/25 INIT, ST 15797/25 ADD 1 u ST 15797/25 COR 1 (lv).

⁷ Ara d-dokumenti ST 7812/26 INIT u ST 7812/26 ADD 1.

- (4) Is-Slovenja spjegat li miżura waħda parzjalment ma għadhiex tista' tinkiseb, minħabba l-irtirar tal-applikanti mill-kuntratti mogħtija. Dan jikkonċerna C11-IB ("L-iżvilupp sostenibbli tal-offerti ta' akkomodazzjoni turistika biex jiżdied il-valur miżjud tat-turiżmu"). Abbażi ta' dan, is-Slovenja talbet li din il-miżura tiġi emendata. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.
- (5) Is-Slovenja spjegat li miżura waħda parzjalment ma għadhiex tista' tinkiseb, minħabba dewmien fil-proċess tal-akkwist pubbliku barra mir-responsabbiltà tal-Istat Membru. Dan jikkonċerna C14-ID ("Aċċessibbiltà tas-sistema tas-saħħa"). Abbażi ta' dan, is-Slovenja talbet li din il-miżura tiġi emendata. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.
- (6) Is-Slovenja spjegat li miżura waħda parzjalment ma għadhiex tista' tinkiseb, minħabba l-kapaċità ta' assorbiment aktar baxxa milli mistenni tar-riċevituri tal-appoġġ. Dan jikkonċerna C17-IE ("Il-promozzjoni ta' infrastruttura ta' fjuwils alternattivi fit-trasport (fuq skala akbar)"). Abbażi ta' dan, is-Slovenja talbet li din il-miżura tiġi emendata. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.
- (7) Is-Slovenja spjegat li ġew emendati 21 miżura biex jiġu implimentati alternattivi aħjar li jippermettu li jitnaqqas il-piż amministrattiv u tiġi ssimplifikata d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill, filwaqt li xorta jintlaħqu l-oġettivi ta' daww il-miżuri. Dan jikkonċerna C3-IFL ("It-tnaqqis ulterjuri tar-riskji ta' għargħar u t-tnaqqis tar-riskju għal diżastri oħra relatati mal-klima"), C5-IC ("Żieda fl-ipproċessar tal-injam biex titħaffef it-tranżizzjoni lejn soċjetà newtrali għall-klima"), C7-IG ("Modernizzazzjoni tal-ambjent diġitali tal-amministrazzjoni pubblika"), C7-IH ("Infrastruttura tal-Gigabits"), C7-IJ ("Diġitalizzazzjoni tal-edukazzjoni u x-xjenza"), C7-IL ("It-tranżizzjoni diġitali fl-agrikoltura, jew fl-ikel, jew fil-forestrija"), C7-IM ("Diġitalizzazzjoni fil-qasam tal-kultura"), C7-IN ("Diġitalizzazzjoni fil-qasam tal-ġustizzja"), C8-IB ("Kofinanzjament ta' proġetti ta' innovazzjoni fir-riċerka b'appoġġ għat-tranżizzjoni ekoloġika u d-diġitalizzazzjoni"), C8-IC ("Kofinanzjament ta' proġetti biex tissaħħaħ il-mobbiltà internazzjonali tar-riċerkaturi u l-organizzazzjonijiet tar-riċerka Sloveni u biex jiġi promoss l-involvement internazzjonali tal-applikanti Sloveni"), C8-ID ("Kofinanzjament tal-investiment fi proġetti pilota u ta' dimostrazzjoni tar-RŻI"), C9-IC ("Appoġġ għad-dekarbonizzazzjoni, il-produttività u l-kompetittività tal-kumpaniji"), C9-ID ("Il-forniment ta' ekosistemi innovattivi ta' infrastruttura ekonomika u tan-negozju"), C12-RB ("Riforma tal-edukazzjoni għolja għal tranżizzjoni ekoloġika u reżiljenti"), C12-RC ("Reviżjoni tal-programmi tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (VET)"), C12-IE ("It-trasformazzjoni komprensiva tal-edukazzjoni ekoloġika u diġitali"), C12-IF ("Proġetti pilota għar-riforma tal-edukazzjoni għolja għal tranżizzjoni ekoloġika u reżiljenti"), C12-IG ("Tisħiħ tal-kooperazzjoni bejn is-sistema edukattiva u s-suq tax-xogħol"), C12-IHL ("Aktor ekoloġizzazzjoni tal-infrastruttura tal-edukazzjoni fis-Slovenja"), C15-ICL ("L-iżgurar ta' ambjent ta' għajxien sikur għall-persuni dipendenti") u C16-IBL ("Il-provvista ta' akkomodazzjoni pubblika għall-kiri"). Abbażi ta' dan, is-Slovenja talbet li daww il-miżuri jiġu emendati. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.
- (8) Wara t-tnaqqis fil-livell ta' implimentazzjoni tal-miżuri f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2021/241, is-Slovenja talbet li tuża r-riżorsi liberati bit-tnaqqis fil-livell tal-implimentazzjoni tagħhom biex iżżid żewġ miżuri ġodda. Dan jikkonċerna l-miżuri C7-IO ("Kontribuzzjoni volontarja għall-Impriża Konġunta EuroHPC għall-

Gigafabbriki tal-IA jew infrastruttura ekwivalenti tal-IA”) u C7-IOL (“Kontribuzzjoni volontarja ulterjuri għall-Impriża Konġunta EuroHPC għall-Gigafabbriki tal-IA jew infrastruttura ekwivalenti tal-IA”). Abbażi ta’ dan, is-Slovenja talbet li jiżiedu żewġ miżuri ġodda. Id-Deċizzjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta’ Lulju 2021 jenħteġ li tiġi emendata skont dan.

Il-valutazzjoni tal-Kummissjoni

- (9) Il-Kummissjoni vvalutat l-RRP emendat skont il-kriterji ta’ valutazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2021/241.

Kontribuzzjoni għall-oġġettivi tar-REPowerEU

- (10) F’konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (da), u l-kriterju 2.12 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, il-kapitolu REPowerEU huwa mistenni li jikkontribwixxi b’mod effettiv fil-biċċa l-kbira (klassifikazzjoni A) għas-sigurtà tal-enerġija, id-diversifikazzjoni tal-provvista tal-enerġija tal-Unjoni, żieda fl-użu tal-enerġija rinnovabbli u fl-effiċjenza enerġetika, żieda fil-kapaċitajiet tal-ħżin tal-enerġija jew it-tnaqqis meħtieġ tad-dipendenza fuq il-fjuwils fossili qabel l-2030.
- (11) Minkejja t-talba tas-Slovenja biex jitnaqqas il-livell ta’ implimentazzjoni ta’ miżura waħda, il-kapitolu REPowerEU għadu koerenti mal-qafas ta’ politika tas-Slovenja mmirat lejn it-tnaqqis tal-emissjonijiet ta’ gassijiet serra u ż-żieda fis-sehem tas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli. Il-miżuri jsaħħu wkoll dawk inklużi fl-RRP dwar il-promozzjoni tal-effiċjenza enerġetika u t-trasport b’emissjonijiet żero, u dwar iż-żieda fis-sehem tas-sorsi ta’ enerġija rinnovabbli.

Kontribuzzjoni għat-tranżizzjoni ekoloġika inkluż il-bijodiversità

- (12) F’konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (e), u l-kriterju 2.5 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, il-RRP emendat fih miżuri li jikkontribwixxu fil-biċċa l-kbira (klassifikazzjoni A) għat-tranżizzjoni ekoloġika, inkluża l-bijodiversità, jew għall-indirizzar tal-isfidi li jirriżultaw minnha. Il-miżuri li jappoġġaw l-oġġettivi klimatiċi jammontaw għal ammont li jirrappreżenta 43.05 % tal-allokazzjoni totali tal-RRP emendat u 91.69 % tal-kostijiet stmati totali tal-miżuri fil-kapitolu REPowerEU kkalkolat f’konformità mal-metodoloġija stabbilita fl-Anness VI tar-Regolament (UE) 2021/241. F’konformità mal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2021/241, il-RRP emendat huwa konsistenti mal-informazzjoni inkluża fil-Pjan Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima 2021–2030.
- (13) Minkejja tnaqqis fis-sehem tal-miżuri li jappoġġaw l-oġġettivi klimatiċi b’ 1.64 %, il-miżuri mnaqqsa ma għandhomx impatt fuq l-ambizzjoni ġenerali tal-RRP fir-rigward tat-tranżizzjoni ekoloġika, inkluża l-bijodiversità. Il-Kapitolu REPowerEU jkompli jipprovdi appoġġ addizzjonali għat-tranżizzjoni ekoloġika tas-Slovenja, peress li r-riforma tal-promozzjoni tas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli fis-Slovenja u l-investimenti kollha jikkontribwixxu b’mod integrali għall-aċċellerazzjoni tal-użu tal-enerġija rinnovabbli. Dawk inaqqsu d-dipendenza fuq il-fjuwils fossili u t-tniġġis tal-arja, filwaqt li jżidu l-effiċjenza enerġetika u l-iffrankar tal-enerġija. Il-miżuri fl-RRP għadhom mistennija jnaqqsu l-emissjonijiet ta’ gassijiet serra, jiffaċilitaw l-użu tal-enerġija rinnovabbli, ikomplu jżidu l-kapaċità tal-infrastruttura ferrovjarja, u jiżguraw it-tnaqqis tar-riskji ta’ għargħar fis-Slovenja, u b’hekk jikkontribwixxu għall-kisba tal-miri klimatiċi għall-2030–2050, inkluż l-oġġettiv tan-newtralità klimatika tal-UE sal-2050. L-ambitu limitat ta’ dawn l-emendi ma jibdilx il-valutazzjoni ġenerali ta’ dan il-kriterju.

Kontribuzzjoni għat-tranżizzjoni diġitali

- (14) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (f), u l-kriterju 2.6 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP emendat fih miżuri li jikkontribwixxu fil-biċċa l-kbira (klassifikazzjoni A) għat-tranżizzjoni diġitali jew għall-indirizzar tal-isfidi li jirriżultaw minnha. Il-miżuri li jappoġġaw l-oġettivi diġitali jammontaw għal ammont li jirrappreżenta 26.48 % tal-allokazzjoni totali tal-RRP emendat ikkalkolat f'konformità mal-metodoloġija stabbilita fl-Anness VII ta' dak ir-Regolament.
- (15) L-emendi għall-RRP tas-Slovenja jinvolvu żieda fil-kontribuzzjoni ġenerali għat-tranżizzjoni diġitali b' 2.02 %, prinċipalment minħabba ż-żieda ta' żewġ miżuri ġodda ffukati fuq l-infrastruttura tal-IA. Il-RRP emendat ikompli jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għat-tranżizzjoni diġitali tal-ekonomija u tas-settur pubbliku, inkluż billi juża l-infrastruttura meħtieġa bħall-bini tal-konnettività, l-iżvilupp tal-infrastruttura tal-cloud u tal-IA u t-titjib taċ-ċibersigurtà, billi juża soluzzjonijiet u servizzi diġitali avvanzati u faċli għall-utent, u billi jittrasforma l-proċessi tan-negozju u jnaqqas id-distakk diġitali għal kumpaniji aktar tradizzjonali. L-ambitu limitat ta' dawn l-emendi ma jibdilx il-valutazzjoni ġenerali ta' dan il-kriterju.

Spejjeż

- (16) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (i), u l-kriterju 2.9 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, il-ġustifikazzjoni pprovduta fl-RRP emendat dwar l-ammont tal-kost totali stmat tal-RRP hija moderatament (klassifikazzjoni B) raġonevoli u plawżibbli, hija konformi mal-prinċipju tal-kosteffiċjenza u hija proporzjonata għall-impatt ekonomiku u soċjali nazzjonali mistenni.
- (17) Skont l-informazzjoni pprovduta, il-valutazzjoni tal-istimi tal-kostijiet għall-investimenti riveduti turi li l-biċċa l-kbira tal-kostijiet huma raġonevoli u plawżibbli. Il-bidliet fil-pjan ma kinux estensivi biżżejjed biex jaffettwaw il-klassifikazzjoni eżistenti (B) tal-pjan. Ġew allokati riżorsi addizzjonali għal miżuri bi prestazzjoni tajba u għal miżura ġdida, li tikkonsisti f'kontribuzzjoni volontarja għall-Impriża Konġunta EuroHPC għall-Gigafabbriki tal-IA jew infrastruttura ekwivalenti tal-IA. L-allokazzjonijiet tnaqqsu f'każijiet fejn il-miżuri ffaċċjaw riskji. Is-Slovenja pprovdiet biżżejjed spjegazzjonijiet, li prinċipalment jinkludu r-riżultati tal-offerti u tas-sejħiet għal proposti mnedija għall-finijiet tal-RRP. Il-bidliet fl-istimi tal-kostijiet għall-miżuri emendati kienu ġġustifikati u proporzjonali u, bħala tali, ir-raġonevolezza u l-plawżibbiltà ta' daww il-istimi tal-kostijiet ma nbidlux meta mqabbla mal-RRP oriġinali. Is-Slovenja pprovdiet biżżejjed informazzjoni u evidenza biex turi li l-ammont tal-kost totali stmat mhuwiex kopert minn xi finanzjament eżistenti jew ippjanat ieħor tal-Unjoni. Fl-aħħar nett, l-ammont tal-kost totali stmat tal-RRP huwa konformi mal-prinċipju tal-kosteffiċjenza u proporzjonat mal-impatt ekonomiku u soċjali nazzjonali mistenni.

Kwalunkwe kriterju ieħor ta' valutazzjoni

- (18) Il-Kummissjoni tqis li l-emendi mressqa mis-Slovenja ma jaffettwawx il-valutazzjoni pożittiva tal-RRP stabbilita fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-RRP għas-Slovenja rigward ir-rilevanza, l-effettività, l-effiċjenza u l-koerenza tal-RRP mal-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 19(3), il-punti (a), (b), (c), (d), (db), (g), (h), (j) u (k).

Miżuri li jappoġġaw operazzjonijiet ta' investiment li jikkontribwixxu għall-oġettivi tal-Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa (STEP, Strategic Technologies for Europe Platform)

- (19) F'konformità mal-Artikolu 4(4) tar-Regolament (UE) 2024/795⁸, is-Slovenja qieset bħala kwistjoni ta' prijorità proġetti li ngħataw Siġill tas-Sovranità skont l-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) 2024/795. Madankollu, is-Slovenja qieset li l-ebda proġett li ngħata Siġill tas-Sovranità ma kellu jiġi inkluż fl-RRP emendat minħabba li daww il-proġetti ma jkoprox iż-żoni li ġew estiżi fl-RRP emendat.

Valutazzjoni pożittiva

- (20) Wara l-valutazzjoni pożittiva mill-Kummissjoni tal-RRP emendat, meta nstab li l-RRP jikkonforma b'mod sodisfaċenti mal-kriterji għall-valutazzjoni stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/241, f'konformità mal-Artikolu 20(2) u tal-Anness V ta' dak ir-Regolament, jenħtieġ li jiġu stabbiliti r-riformi u l-proġetti ta' investiment meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-RRP emendat, l-istadji importanti, il-miri u l-indikaturi rilevanti, u l-ammont li għandu jkun disponibbli mill-Unjoni għall-implimentazzjoni tal-RRP emendat.

Kontribuzzjoni finanzjarja

- (21) Il-kostijiet totali stmati tal-RRP emendat tas-Slovenja huma ta' EUR 2 082 352 849. Peress li l-ammont tal-kost totali stmat tal-RRP emendat huwa oġġla mill-kontribuzzjoni finanzjarja massima aġġornata disponibbli għas-Slovenja, il-kontribuzzjoni finanzjarja ddeterminata f'konformità mal-Artikolu 4a tar-Regolament (UE) 2021/1755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁹, u mal-Artikolu 20(4) u mal-Artikolu 21a(6) tar-Regolament (UE) 2021/241 li hija alllokata għall-RRP emendat tas-Slovenja jenħtieġ li tkun ugwali għal EUR 1 612 948 340. Għalhekk, il-kontribuzzjoni finanzjarja disponibbli għas-Slovenja tibqa' l-istess.

Self

- (22) L-appoġġ fil-forma ta' self disponibbli għas-Slovenja li jammonta għal EUR 468 836 849 jibqa' l-istess.
- (23) Għalhekk id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata kif xieraq. Għal raġunijiet ta' ċarezza, l-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li jiġi sostitwit kompletament.
- (24) Din id-Deċiżjoni jenħtieġ li tkun mingħajr preġudizzju għall-eżitu ta' kull proċedura marbuta mal-ġoti ta' fondi tal-Unjoni skont kull programm ieħor tal-Unjoni ħliel il-Faċilità jew għal proċeduri relatati ma' distorsjonijiet tal-operazzjoni tas-suq intern li jistgħu jitwettqu, b'mod partikolari skont l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat. Hija ma twarrabx il-ħtieġa li l-Istati Membri jinnotifikaw każijiet ta' għajjnuna potenzjali mill-Istat lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 108 tat-Trattat,

⁸ Ir-Regolament (UE) 2024/795 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' Frar 2024 li jistabbilixxi l-Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa (STEP), u li jemenda d-Direttiva 2003/87/KE u r-Regolamenti (UE) 2021/1058, (UE) 2021/1056, (UE) 2021/1057, (UE) 2013/1303, (UE) 2014/223, (UE) 2021/1060, (UE) 2021/523, (UE) 2021/695, (UE) 2021/697 u (UE) 2021/241 (ĠU L, 2024/795, 29.2.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/795/oj>).

⁹ Ir-Regolament (UE) 2021/1755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Ottubru 2021 li jistabbilixxi r-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit (ĠU L 357, 8.10.2021, p. 1, ELI: <https://eur-lex.europa.eu/eli/reg/2021/1755/oj>).

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1
Approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-RRP

Il-valutazzjoni tal-RRP emendat għas-Slovenja fuq il-bażi tal-kriterji previsti fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2021/241 hija approvata.

Artikolu 2
Emendi

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għas-Slovenja hija emendata kif ġej:

l-Anness huwa sostitwit bit-test stabbilit fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 3
Id-destinatarju

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika tas-Slovenja.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President